**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**
**IMHALLEF**
**ONOR. DR GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Numru 22.**

**Citazzjoni Numru 2610/00 GV.**

**HSBC Bank Malta p.l.c. qabel MID-MED Bank p.l.c.**

**vs**

**Paul Schembri u Marygrace Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' elfejn u sebgha u tmenin lira u sitta u sittin centezmu (Lm2,087.66) ammont in debitu fil-Flexicredit Loan Account numru 50 800 2645, kwantu ghal elf tmien mija u tnejn u disghin lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm1,892.77) bilanc tal-kapital misluf u mija u erbgha u disghin lira u disgha u tmenin centezmu (Lm194.89) imghax tat-tmienja fil-mija fis-sena fuq l-istess bilanc mid-19 ta' Lulju, 1999 sal-31 ta' Ottubru, 2000, bl-imghax ulterjuri tat-tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mill-1 ta' Novembru, 2000 sal-jum tal-effettiv pagament;

Premess li s-socjeta' attrici interpellat lill-konvenuti biex ihallsu pero' xorta wahda l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Premess li l-ammont fuq imsemmi ta' Lm2087.66 in debitu huwa cert, likwidu u dovut u jinkwadra ruhu fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 167 (a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u peress li fil-fehma tal-kumpanija attrici il-konvenuti m'ghandhomx ikollhom eccezzjonijiet x'jaghtu;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpanija attrici s-somma ta' elfejn u sebgha u tmenin lira u sitta u sittin centezmu (Lm2,087.66), bl-imghax tat-tmienja fil-mija fis-sena mill-1 ta' Dicembru, 2000 sal-jum tal-effettiv pagament, kif intqal fuq;

2. Tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija attrici bid-dispensa tas-smiegh skond id-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 et. seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Mejju, 2000 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-atturi;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**